**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 19 ta' Ottubru 2017**

Numru 14

**Rikors Guramentat Nru. 806/2017**

**Marius Silverius Stanescu**

**vs**

**Steel Structures Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tal-5 ta' Settembru 2017 li jghid hekk:

1. Illi l-attur wettaq diversi xoghlijiet li lkoll gew maghmula u effetwati favur is-socjeta konvenuta fuq struzzjonijiet u rikjesta taghhom u dan f'diversi okkazzjonijiet mis-sena 2015 sad-data prezenti hekk kif ser jigi debitament ippruvat waqt it-trattazzjoni orali ta' din il-kawza;

2. Illi ghal dawn ix-xoghlijiet l-attur kien hareg diversi fatturi ghall-hlasijiet dovuti lilu mis-socjeta konvenuta, liema fatturi lkoll gew accettati mill-istess socjeta, izda parti l-kbira minnhom baqghu mhux mhallsa;

4. Illi l-attur interpella kemm-il darba lill-konvenuti sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta' dawn l-ammonti dovuti lilu izda dawn baqghu inadempjenti;

5. Illi ghalhekk kellha ssir din il-procedura;

Ghaldaqstant jghid il-kovenut l-ghaliex dina l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet suesposti, u prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti kollha opportuni, ma ghandhiex:

1. Tillikwida l-ammont dovut mis-socjeta konvenuta lill-attur ghar-ragunijiet suesposti;

2. Tididkjara illi l-konvenuti huma debituri fil-konfront tal-attur ghal dik is-somma hekk likwidata ;

3. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur dik is-somma hekk likwidata rappresentanti l-bilanc rimanenti fuq il-fatturi kollha mahruga ghax-xoghlijiet imwettqa mill-attur fuq inkarigu tal-konvenuti u dovuti lill-attur, kif hawn fuq spjegat, u dan fi zmien qasir u perentorju;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 20 ta' Marzu 2017, u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenuti li huma ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Semghet l-attur li bil-gurament tieghu iddikjara li l-ammont pretiz li dak kif jidher fid-dokument dettaljat prezentat minnu stess seduta stante fol. 17 tal-process, cioe €118,805.22;

Rat in-nota ta’ ammissjoni tas-socjeta konvenuta prezentata fis-seduta tat-18 ta’ Ottubru 2017 ghall-ammont kif dikjarat mill-attur ta’ €118,805.22;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Decide**

Il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lil attur is-somma ta’ €118,805.22 rapprezentanti bilanc rimanenti fuq il-fatturi kollha mahruga ghax-xoghlijiet li saru mill-attur fuq karigu tas-socjeta konvenuta, bl-ispejjez u l-imghax kummercjali sad-data tal-pagament effettiv.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur